

Brussell, 25 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

6978/2/25
REV 2 ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0234 (COD)

ENV 145
COMPET 145
SAN 87
MI 136
IND 71
CONSOM 40
ENT 33
FOOD 15
AGRI 94
CODEC 242
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fit-23 ta' Ġunju 2025

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-5 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew proposta għal emenda mmirata tad-Direttiva 2008/98/KE (minn hawn 'il quddiem: Direttiva Qafas dwar l-Iskart), li tiffoka fuq il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart f'żewġ setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi: it-tessuti u l-ikel. Il-proposta, parti mir-riżultati tanġibbli tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, hija msejsa fuq l-inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt u l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari.
2. L-abbozz ta' Direttiva huwa bbażat fuq l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) (proċedura leġiżlattiva ordinarja).
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) inħatar bħala l-kumitat ewlieni għal dan il-fajl. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-13 ta' Marzu 2024.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' Ottubru 2023.
5. Fit-12 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent (WPE). Id-WPE kompli jeżamina l-proposta f'total ta' tmien laqgħat. Il-Kunsill (Ambjent) tal-25 ta' Marzu 2024 kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-emenda mmirata. Il-Kunsill adotta l-Approċċ Ġenerali tiegħu fis-17 ta' Ġunju 2024.
6. Sussegwentement, saru żewġ trilogi politiċi informali fit-22 ta' Ottubru 2024 u t-18 ta' Frar 2025, li rriżultaw fi ftehim proviżorju ġenerali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Fid-19 ta' Marzu 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' compromess bħala maqbul proviżorjament fit-trilogu informali tat-18 ta' Frar 2025.

7. Il-Kumitat ENVI tal-Parlament Ewropew ivvota favur l-istess test ta' kompromess fit-18 ta' Marzu 2025. Sussegwentement, il-President tal-Kumitat ENVI indirizza ittra bid-data tal-20 ta' Marzu 2025 lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li, jekk il-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari f'konformità mal-ftehim proviżorju ġenerali maqbul, hu jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti.

II. OBJETTIV

8. L-oġġettiv ġenerali tal-emenda mmirata proposta huwa doppju. L-ewwel wieħed, fir-rigward tal-iskart tat-tessuti, il-proposta għandha l-għan li tnaqqas l-impatti ambjentali u klimatiċi, iżżid il-kwalità tal-ambjent u ttejjeb is-saħħa pubblika assoċjata mal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. It-tieni, fir-rigward tal-iskart tal-ikel, il-proposta għandha wkoll l-għan li tnaqqas l-impatti ambjentali u klimatiċi tas-sistemi tal-ikel assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u tkompli tipprevjeni l-iskart tal-ikel, u għalhekk issaħħaħ is-sigurtà tal-ikel.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

9. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha elementi li dwarhom intlaħaq ftehim bejn il-koleġiżlaturi.
10. Rigward l-iskart tal-ikel, il-koleġiżlaturi ftehm u b'mod proviżorju dwar l-elementi ewlenin li ġejjin:
- i) Il-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jirrappreżentaw strument legalment vinkolanti biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel sal-2030. Il-livell tagħhom kemm (a) għall-ipproċessar u għall-manifattura kif ukoll (b) għall-bejgħ bl-imnut u l-konsum, inkluż fir-ristoranti, fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, jibqa' fil-livelli stabbiliti fil-proposta tal-Kummissjoni, 10 % u 30 % rispettivament. Il-perjodu ta' referenza għall-istabbiliment ta' dawk il-miri huwa l-medja annwali bejn l-2021 u l-2023, li tippermetti lill-Istati Membri jeskludu l-2020, meta l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel kienet affettwata b'mod sinifikanti mill-pandemija tal-COVID. Madankollu, il-flessibbiltà biex tintuża sena ta' qabel l-2021 hija permessa jekk ikunu disponibbli data u metodoloġija rappreżentattivi. Barra minn hekk, ġie introdott fattur ta' korrezzjoni biex jitqies it-turiżmu biex jgħin lill-Istati Membri jilhqqu l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fid-dawl tal-impatt tat-turiżmu fuq il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel.

- ii) Ir-rieżami, stabbilit għall-31 ta' Diċembru 2027, għandu jivvaluta l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel stabbiliti għall-2030. Il-klawżola ta' rieżami tinkludi wkoll valutazzjoni tal-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis ulterjuri speċifikament għall-2035, u tal-iżvilupp ta' fattur ta' korrezzjoni għall-bidliet fil-livelli tal-produzzjoni tal-ikel li jħallu impatt fuq l-ilħuq ta' dawk il-miri. Ir-rieżami għandu jivvaluta wkoll ir-rwol tal-produzzjoni primarja fit-tnaqqis tal-iskart tal-ikel.
11. Rigward l-iskart tat-tessuti, il-koleġiżlaturi ftehm u b'mod proviżorju dwar l-elementi ewlenin li ġejjin:
- i) Il-mikrointrapriżi huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u benefiċċji ambjentali akbar. Bl-għan li jipprovdi lil dawk l-atturi b'perjodu ta' tħejjija suffiċjenti, it-test jipposponi l-applikabbiltà tal-obbligi stabbiliti fid-Direttiva għall-mikrointrapriżi bi 12-il xahar wara l-istabbiliment tal-iskemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.
- ii) L-iskadenza għall-implimentazzjoni għall-istabbiliment tal-iskemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur hija stabbilita għal 30 xahar wara d-dħul fis-seħħ. Il-ftehim proviżorju jipprovdi lill-Istati Membri l-possibbiltà li jindirizzaw prattiki ta' moda ultraveloċi u veloċi meta jimmodulaw it-tariffa skont l-iskemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur.
- iii) Il-klawżola ta' rieżami ġenerali hija stabbilita għall-31 ta' Diċembru 2029 u tinkludi kemm id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart kif ukoll dik dwar ir-rimi ta' skart f'landfills. Ir-rieżami tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart għandu jivvaluta l-effettività tar-responsabbiltà finanzjarja u organizzazzjonali tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, inkluż il-possibbiltà li tintalab kontribuzzjoni finanzjarja mill-operaturi kummerċjali tal-użu mill-ġdid, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-iskart, il-ġbir, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti, u l-possibbiltà li tiġi introdotta separazzjoni minn qabel tal-iskart municiipali mħallat.

IV. KONKLUŻJONI

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tibni fuq l-oġġettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.

Il-Kunsill għalhekk jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bbilanċjata tal-eżitu tan-negozjati. Ladarba tiġi adottata, l-emenda għad-Direttiva ser tiffaċilita t-tnaqqis tal-impatti ambjentali u klimatiċi tas-setturi tat-tessuti u tal-ikel fl-Unjoni, filwaqt li tikkontribwixxi għal ekonomija aktar ċirkolari u sostenibbli.
